**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

"Fl-opri artistiċi tagħkom wieħed jilmaħ simboli ta' sofferenza umana u l-karba għal paċi, għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem, għal ġustizzja u biex il-bniedem jgħix b'dinjità. Għaddew bosta snin minn tmiem l-aħħar gwerra dinija, iżda sfortunatament, il-bniedem baqa' egoist. It-tama hija fikom tfal, li tagħrfu aktar it-tajjeb mil-ħażen u timxu u tippersistu fuq it-tajjeb, ħalli intom u aħna ngħixu ħajja sabiħa u tajba. Ilkoll flimkien jeħtieġ nipperswadu lil ħaddieħor jagħżel is-sliem, il-paċi u l-imħabba ta' aħwa, fostna l-bnedmin" – hekk temm id-diskors tiegħu l-Ispeaker Anġlu Farrugia, meta inawgura wirja artistika mtella' mill-istudenti tal-Kulleġġ Sant Injazju fil-Parlament ta' Malta bit-tema "Il-governanza ambjentali u soċjali għal żvilupp sostenibbli."

F'diskors tal-okkażjoni, l-Ispeaker saħaq fuq l-importanza ta' demokrazija parteċipattiva. Hu qal li għal dan il-għan, mill-2015 'l hawn, fil-Parlament qed jinżammu għadd ta' attivitajiet informali bħal konferenzi, diskussjonijiet, wirjiet tal-arti u oħrajn flimkien mas-soċjetà ċivili, għaqdiet nazzjonali, l-iskejjel, flimkien mal-awtoritajiet u entitajiet pubbliċi, biex permezz ta' parteċipazzjoni attiva u oġġettiva lkoll nagħrfu l-isfidi u l-problemi bil-għan li tittieħed azzjoni mill-awtoritajiet konċernati ħalli l-qagħda tal-poplu Malti u Għawdxi dejjem titjieb.

L-Ispeaker semma r-rilevanza ta' pajjiżna minkejja ċ-ċokon tal-gżejjer Maltin fil-qasam internazzjonali. Hu qal li tul is-snin, Malta tat u għadda tagħti s-sehem attiv tagħha u saħansitra kienet protagonista fit-tnedija tal-prinċipju dwar il-wirt komuni tal-umanità li fuq dan il-prinċipju tfasslu għadd ta' Tratti Internazzjonali, fost dawn, il-Liġi Internazzjonali dwar il-Baħar fl-1982 u t-Trattat tal-1967 dwar Prinċipji li jirregolaw Attivitajiet ta' l-Istati fl-Esplorazzjoni u fl-Użu tal-Ispazju, fosthom tal-Qamar u Korpi Ċelesti oħra. Semma wkoll l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju fil-Konferenza dwar il-Ħarsien tal-Ambjent minn Effetti Negattivi b'riżultat tat-Tibdil fil-Klima. Hu fakkar fil-ħidma ta' Malta dwar ir-rilevanza bejn is-sigurtà tal-Ewropa ma' dik fil-Mediterran.

Dawk preżenti kienu ndirizzati wkoll mill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni Clifton Grima u mill-Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Edukazzjoni mill-Justin Schembri.

Il-pubbliku ġenerali hu mistieden iżur din il-wirja fil-bini tal-Parlament ta' Malta mill-Erbgħa, 29 ta' Marzu 2023 sal-Erbgħa, 12 ta' April 2023.